MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Numru 87/2005

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi u
Sp Stephen Gatt)
vs
Wang Lei, iben Wang Cun Rui,
imwieled Jilin, Ċina fit-28 ta'
lulju, 1982

Illum, 28 ta' jannar, 2005

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

a. talli fil-lejl ta' bejn l-24 u il-25 ta' jannar, 2005 u fil-25 ta' jannar, 2005 għal ħabta tad-9.00 p.m. rispettivament, daħal f'lok b'wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265, 266 tal-Kodiċi Kriminali għalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor,

f'ċirkostanżi li kienu jidhru li l-ħsieb tiegħu kien li jagħmel serq jew ħsara lill-propjeta' jew reat kontra l-persuna;

b. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanżi bil-ħsieb li jikkometti reat ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifkat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin, bil-lok u bil-ħin;

c. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jikkometti reat ta' frodi b'egħmil qarrieqi kif stipulat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, u cioe' li b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqnqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ l-ammont ta' ħsara magħmula minnu kienet tkun ta' aktar minn elf lira maltin;

d. talli fil-fergħa tal-Bank HSBC fl-Imsida, fil-lejl ta' bejn l-24 u il-25 ta' jannar, 2005 u fil-25 ta' jannar, 2005 għal ħabta tad-9.00 p.m. rispettivament, mingħajr awtorizzazzjoni tas-sidien ta' l-imsemmi bank kummerċjali, uża 'computer' jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, 'software' jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinzammu f'dak il-'computer';

e. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi bil-ħsieb li jagħmel output ta' xi 'data', 'software' jew dokumentazzjoni ta' appoġġ minn 'computer' li jkunu qegħdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbiegħa jew b'kull mod ieħor li jkun wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

f. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi bil-ħsieb li jikkopja kull 'data', 'software' jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew għal imkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinzamm wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu

għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
g. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi bil-ħsieb li jieħu pussess ta’ xi ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ jew li jagħmel użu minnhom wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
h. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ħsara fl-aperturi tal-fergħa tal-bank HSBC l-Imsida, liema ħsara tammonta għal aktar minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda li ma teċċedix il-ħamsin lira maltin (Lm50) u dan għad-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmi bank;
i. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi bil-ħsieb li jinstalla, ineħħi, ibiddel, jikkanċella, jeqred, ivarja, iżid ma xi ‘data’,’software’ jew dokumentazzjoni, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ jannar, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 330(a), 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269(d), 270, 278(1)(2)(3), 308, 337Ċ(1)(a)(b)(ċ)(f)(g) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat, il-kollaborazzjoni tiegħu mal-pulizija u li ammetta fl-ewwel seduta li fiha tressaq il-Qorti. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fi żmien ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------